

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10639/26

ENT 155  
MI 651  
IND 422  
COMPET 783  
TRANS 427  
SAN 488  
ENV 750  
DELECT 102

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 9 ta' Ġunju 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: C(2026) 3151 final

---

Suġġett: REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'9.6.2026  
li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' multiplikaturi tad-durabbiltà għall-inkwinanti gassużi tal-vetturi tqal tal-kategoriji M3, N2 u N3

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3151 final.

Mehmuż: C(2026) 3151 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.6.2026  
C(2026) 3151 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'9.6.2026**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' multiplikaturi tad-durabbiltà għall-inkwinanti gassużi tal-vetturi tqal tal-kategoriji M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Dan ir-Regolament jemenda l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1257 sabiex jitqies l-aħħar progress tekniku, abbażi tad-data miġbura meta jiġu ttestjati l-emissjonijiet tal-egżost tal-vetturi tal-kategoriji N<sub>2</sub>, M<sub>3</sub> u N<sub>3</sub>, u rapport dwar id-durabbiltà tal-vetturi tqal ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill<sup>1</sup>.

Ir-rapport jipproponi multiplikaturi tad-durabbiltà għall-vetturi tqal Euro 7, abbażi ta' rapport tekniku<sup>2</sup> li janalizza d-durabbiltà tal-vetturi tqal abbażi tad-data disponibbli dwar id-deterjorament tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tal-vetturi Euro VI. Il-valutazzjoni tqis l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet, l-ewwel nett, għall-vetturi tal-kategoriji N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> sa massa massima ta' 16-il t u għall-vetturi tal-kategorija M<sub>3</sub> sa massa massima ta' 7,5 t, u, it-tieni, għall-vetturi tal-kategoriji N<sub>3</sub> b'massa massima iżjed minn 16 t u M<sub>3</sub> b'massa massima ogħla minn 7,5 t. Tqis diversi komponenti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti inkluż l-NO<sub>x</sub>, li huwa l-aktar komponent kritiku tal-emissjonijiet fir-rigward tad-deterjorament tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet matul il-ħajja. Abbażi ta' din l-informazzjoni, ir-rapport jipproponi multiplikatur tad-durabbiltà ta' 1,2, li huwa konformi mal-multiplikatur tad-durabbiltà għall-vetturi ħfief. Il-vetturi tqal Euro 7 huma mistennija jkollhom prestazzjoni aħjar mill-vetturi tqal Euro VI f'termini ta' deterjorament, peress li huma mgħammra b'teknoloġija aktar ġdida.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Fit-tnejn ta' dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur li saret fil-25 ta' Marzu 2026, li matulha l-abbozz kien appoġġat b'mod ġenerali. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri - Vetturi bil-Mutur (MSEG-MV) li saret fis-28 ta' April 2026.

F'konformità mar-regoli għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal "Semma' leħnek" għal perjodu ta' feedback ta' erba' ġimgħat bejn l-24 ta' Frar 2026 u l-24 ta' Marzu 2026. B'kollox, 4 partijiet ikkonċernati taw il-feedback tagħhom. Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kummenti kollha li waslulha u ħadet nota tagħhom.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Il-bażi legali ta' dan l-att delegat huwa l-Artikolu 15(1)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1257.

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-emissjonijiet, COM/2026/108 final.

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Plakolmer, B., Hausberger, S. u Weller, K., *Durability of Euro 7 heavy-duty vehicle emissions – Technical report – LOT2*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2873/7305552>

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.6.2026

## li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' multiplikaturi tad-durabbiltà għall-inkwinanti gassużi tal-vetturi tqal tal-kategoriji M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), il-punt (f) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jirrikjedi li l-vetturi jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fih mhux biss matul it-tul tal-ħajja prinċipali, iżda wkoll matul il-perjodu tal-ħajja addizzjonali li jestendi 25 % lil hinn mit-tul tal-ħajja prinċipali tal-vettura. Għal dak il-perjodu tal-ħajja addizzjonali, il-multiplikaturi tad-durabbiltà huma stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1257 biex jitqies id-deterjorament tas-sistemi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet lil hinn mill-perjodu tal-ħajja prinċipali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-manifatturi tal-vetturi qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-vetturi tqal tal-kategoriji M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>, jeħtieġ li jiġu stabbiliti multiplikaturi tad-durabbiltà għall-inkwinanti gassużi tal-vetturi tqal tal-kategoriji M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> fit-Tabella 2 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1257.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2024/1257, il-Kummissjoni ħejjiet u ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-emissjonijiet<sup>2</sup>.
- (3) Kemm għal (i) vetturi tal-kategoriji N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> sa massa massima ta' 16 t u M<sub>3</sub> sa massa massima ta' 7,5 t u (ii) vetturi tal-kategorija N<sub>3</sub> b'massa massima iżjed minn 16 t u tal-

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>.

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Plakolmer, B., Hausberger, S. u Weller, K., Durability of Euro 7 heavy-duty vehicle emissions – Technical report – LOT2, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2873/7305552>

kategorija M<sub>3</sub> b'massa massima iżjed minn 7,5 t, dik il-valutazzjoni wriet valur multiplikatur tipiku tad-durabbiltà ta' 1,2 għall-magni diżil vetturi bil-pass D jew E tal-istandard tal-emissjonijiet Euro VI. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni teknika u meta jitqies li dawn il-magni huma, mil-lat teknoloġiku, l-aktar komparabbli mal-magni Euro 7, huwa xieraq li jiġu stabbiliti multiplikaturi tad-durabbiltà ta' 1,2 għall-inkwinanti gassużi għall-vetturi tqal Euro 7 tal-kategoriji M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>, li jallinjaw daww il-valuri mar-rekwiżiti għall-vetturi tal-kategoriji M<sub>1</sub>, N<sub>1</sub> u M<sub>2</sub>.

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1257 jiġi emendat kif xieraq fit-Tabella 2 tal-Anness IV.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1257 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.6.2026

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*